Int, Mulej, is-Sid ta' kollox,
żmien il-bniedem f'idejk qiegħed,
int biss taf jekk tmiem għomorna
hux fil-qrib jew hux imbiegħed.

Qassam Int: ibqa' wiżinni
sakemm trid bil-ħanin driegħek,
sew jekk tagħti, sew jekk tieħu
jiena nbierek l-Isem Tiegħek.

Ġorġ Pisani

## Il-Kunsill ta' l-Akkademja (1988 – 1990)

| | |
|---|---|
| *President:* | Rev. Patri J. M. Ghigo S.J., B.Sc. Econ. (Hons.) (Lond.), Lic. Ph., Lic. Th. |
| *Segretarju:* | E. F. Attard |
| *Asst. Segretarju:* | J. Zammit Mangion, B.Educ., B.A. (Hons.), M.Phil. (Lond.) |
| *Teżorier:* | Pawlu Mifsud |
| *Asst. Teżorier:* | Pawlu Aquilina |
| *Uffiċjal Rel. Pubbliċi:* | J. J. Camilleri, B.A., A.I.E. (Lond.), M.A. |
| *A/Uffiċjal Rel. Pubbliċi:* | C. Galea Scannura, B.A., B.A. (Hons.), M.A., A.C.P., A.R. Hist. S. (Lond.) |
| *Arkivist:* | Alfred Ellul Galea, B.A. |
| *Delegat għal Għawdex:* | Rev. Patri Serafin Borg, O.S.A. |
| *Membri:* | Tarżisju Ellul, B.A. |
| | J. Zammit Ciantar, B.A., M.A. |
| | Anton Mercieca, B.A. |



# L-Influwenza ta' Dun Karm fil-Letteratura Maltija

*Alfred Massa*

Dun Karm! Isem li ċertament idoqq ħelu f'widnejna lkoll. Għax kien hu li poġġa s-sisien li fuqhom kellha tinbena b'mod serju l-poeżija tagħna. Għax hu kien minn ta' quddiem li għaraf jinterpreta s-sentimenti patrijottiċi tal-poplu Malti. Għax kien hu li bi vrusu tana stampa sabiħa tal-pajsaġġ t'art twelidna. Għax kien hu li wera mħabba sinċiera u bla qies lejna lkoll fl-insiġ tal-versi li llum jagħżluna minn ġnus oħra.

**Il-bniedem, il-qassis, il-poeta**

Meta nitkellmu dwar Dun Karm għandna dejjem neħduh fil-kwadru ta' żmienu. Min-naħa l-oħra, tajjeb li nsiru nafuh sewwa kemm bħala bniedem kif ukoll bħala saċerdot u poeta. Dawn iridu jittieħdu flimkien, għax flimkien jiffurmaw persuna waħda: il-persuna Dun Karm.[1] Dan hu importanti minħabba li teżisti rabta intima bejn l-artist u xogħlijietu; ukoll jekk xi kritiċi ma jaqblux min minnhom għandu jittieħed l-ewwel. Fi kliem ieħor, jekk l-istudjuż għandux isir jaf l-artist mix-xogħol li jkun ħoloq, inkella jekk għandux jasal biex jifhem u japprezza biċċa arti wara li jkun sar jaf lill-ħallieq tagħha. Hawn jien se nimxi mat-tieni teorija.

Dun Karm (1871 – 1961) kien ġej minn familja Żebbuġija tipikament Maltija kemm f'edukazzjoni, kemm f'ambjent u kemm f'qagħda soċjali. Bħala bniedem kien ġentili ħafna ma' kull tip ta' nies[2] u kien imżejjen b'umiltà, b'mogħdrija u bi ħniena liema bħalhom.[3] Kien kalm, ta' reqqa, metodiku, eżatt. Kellu fih spirtu ferrieħi u kien iħobb jagħmel ħbiberija malajr.[4]

Bħala qassis, ordnat fl-1894, Dun Karm kien jaqdi l-missjoni saċerdotali tiegħu bi skruplu kbir. Fi kliem ieħor, kien meqjus bħala qassis kattolku mill-aħjar, għaref u sieket u ubbidjenti lejn l-awtorità.[5]

*Poeta nascitur* isostnu xi wħud; u dan donnu japplika wkoll għal Dun Karm li hu stess stqarr li ħass fih l-ewwel ġibdiet lejn il-poeżija meta kien jisma' 'l ommu traqqdu bil-versi ta' l-għanja ''Ninni, ninni, ruħi ninni''.

1. Ġ. Cardona, ''Dun Karm – Il-Bniedem, il-Poeta u l-Qassis'' f'*Il-Ħajja*, 3/10/86, p. 4.
2. Ġ. Delia, ''Dun Karm Jibqa' Dejjem f'Qalbi'' f'*Leħen il-Malti*, XXXI nru. 4, 1962, p. 15.
3. P. P. Saydon, ''Dun Karm – Apprezzament'' f'*ibid.*, p. 9.
4. O. Friggieri, *Dun Karm: il-bniedem fil-Poeta*, K.K.M., 1980.
5. *Ibid.*